Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 377/15

**Yvonne Pullicino (appellata)**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Ltd, f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni tal-Ilma (appellanti)**

5 ta' Novembru, 2018

1. Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Jannar 2018 li biha gew michuda l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-kont nru. 101000163852 relatat mas-servizz ta' dawl u tal-ilma fil-fond 87, Triq Guze Howard, Sliema u ddikjarat li s-somma ta' €2,721.62 ma kinitx dovuta. Mill-atti jirrizulta li originarjament il-kwistjoni kienet tirrelata ghall-iktar postijiet, madankollu fit-12 ta' Gunju 2017 il-qorti kienet infurmata li dwar il-postijiet l-ohra kienet saret transazzjoni.

2. L-intimata appellat mis-sentenza permezz ta' rikors li pprezentat fit-30 ta' Jannar 2018 u spjegat l-aggravju hekk:-

   ' ... *L-ewwel Qorti naqset milli tezamina bir-reqqa l-fatti u l-provi kollha migjuba, li wassal ghal konkluzjoni erroneja dwar il-fatti in dizamina, u dan fis-segwenti punti :*

   1. *Li ma giex ikkunsidrat il-meter tal-ilma mill-Ewwel Qorti*
   2. *Li l-appellanta helset mill-obbligazzjoni taghha biex thallas kontijiet relatati mal-meter tad-dawl"*

   u ghalhekk talbet ghat-thassir u ghar-revoka tas-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-appellata.

3. Ir-rikorrenti wiegbet li l-appell ghandu jigi michud u tat ir-ragunijiet ghalfejn.

## Fatti.

4. Il-fatt l-iktar rilevanti li mhumiex kontestati huma:

i. l-appellata kienet proprjetarja tal-fond 87, Triq Guze' Howard, Sliema;
ii. fil-11 ta' Jannar 1958, kienet saret talba ghall-istallazzjoni ta' meter tad-dawl f'dan il-fond izda ma jirrizultax min kien ghamel it-talba (fol. 156);
iii. fid-19 ta' April 1994, l-appellata talbet li jinbidel l-isem tal-konsumatur registrat (fol 157);
iv. B'avviz tal-11 ta' Gunju 1996 (fol. 190), il-Korporazzjoni Enemalta nfurmat lill-appellata li l-meter tal-elettriku kien ser jitnehha fit-3 ta' Lulju, 1996;
v. Dakinhar il-meter ma tnehhiex u d-dawl kien ilu maqtugh sa minn qabel l-1996 (xhieda Maryanne Pullicino a fol 187);
vi. fil- 11 ta' Novembru 1996, kien kiteb il-konsulent legali tal-appellata lill-*Enemalta Corporation* fejn talab spjegazzjoni tal-ammont pretiz ta' Lm54.22 skont talba li saret mill-*Consumer's Desk* fl-4 ta' Novembru 1996, u dan peress li l-fond kien ilu snin maghluq (fol. 158);
vii. fit-23 ta' Settembru 2015, l-appellanti pprezentat ittra ufficjali li biha sejjhet lill-appellata sabiex thallas is-somma ta' €2,721.62 fir-rigward tal-kont numru 101000163852 ghas-servizzi utili tal-fond 87 Triq Guze' Howard, Sliema (a fol 3);
viii. fit- 18 ta' Marzu 2016 is-somma dovuta kienet telghet ghal €2,926.58 (Dok. RB1 a fol 29); u
ix. fit-2 ta' Jannar 2016 kienet intbaghtet emajl interna fis-socjeta' appellanti ARMS Ltd fejn gie konfermat li dakinhar stess kienet saret spezzjoni fejn inqaraw iz-zewg meters tad-dawl u tal-ilma;
x. Fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2017 il-qorti kienet infurmata li kien ghad fadal pendenza biss fir-rigward tal-fond fuq imsemmi. B'nota prezentata fl-20 ta' Ottubru 2017, l-appellanti regghet ikkonfermat li dik kienet l-unika kwistjoni li kien ghad fadal.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

5. Ghal dak li jirrigwarda l-meter tad-dawl, jirriżulta li:-

i. F'xi zmien inqata' s-servizz tad-dawl (ara deposizzjoni ta' Reuben Bonnici fit-12 ta' Jannar, 2017). Madankollu mhijiex maghrufa d-data meta nqata' s-servizz, ghalkemm l-ewwel qorti qalet li kien twaqqaf fil-31 ta' Jannar, 2015. Dan ovvjament bazat fuq dak li hemm dikjarat fl-*istatement of account* li pprezentat l-appellanti. Reuben Bonnici kien qal li ser jivverifika d-data ezatta ta' meta fil-fatt inqata' s-servizz. Madankollu mill-atti ma jirrizultax li ta t-taghrif li kien wieghed.
ii. Il-hlas li l-appellanti qeghda tippretendi ma jinkludix konsum ta' elettriku (ara deposizzjoni ta' Reuben Bonnici fl-istess seduta, fol. 74).

iii. L-avviz tal-11 ta' Gunju, 1996 (fol. 190) hu prova li l-meter tad-dawl kellu jitnehha. Pero' rrizulta li ma tnehhiex. Maryanne Pullicino xehedet, *"Bazikament missieri kien mar u kien stennihom u hadd ma gie u mbaghad hu kien cemplilhom u qalulu li regghu gejjin biex jaqtghuh u qatt ma gew"* (fol. 185). Ma tressqux provi li ma tnehhiex tort tal-appellata.

6. L-ewwel qorti ghamlet riferenza ghar-regolament 72 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.01 *'Regolamenti Fuq il-Provvista tal-Elettriku'*. Pero' dik il-legislazzjoni sussidjarja kienet dahlet fis-sehh bl-avviz 225 tal-2010, filwaqt li l-meter kellu jitnehha fit-3 ta' Lulju, 1996. Ghalhekk L.S. 545.01 ma kinitx tapplika f'dak iz-zmien. F'kull kaz lanqas saret prova li l-arlogg ma tnehhiex ghaliex kien ghad fadal bilanc x'jithallas. Fil-fatt ir-rendikont li pprezenta l-appellanti jibda mid-data tat-18 ta' Lulju, 1997 bil-bilanc ikun €10.25 (fol. 32) u mhux is-somma ta' Lm54.22 li tissemma fl-ittra legali tal-11 ta' Novembru, 1996 (fol. 158).

7. F'kull kaz gialadarba l-meter tad-dawl kellu jitnehha fis-sena 1996, mhemmx prova li ma tnehhiex tort tal-appellata, u rrizulta li ma kienx hemm konsum ta' dawl, allura m'ghandux jithallas kera tal-meter tad-dawl.

8. Il-fatt li mir-rendikont a fol. 32 jirrizulta li fl-ahhar ta' Mejju, 2010 sar pagament b'cekk ta' €788.57 ma jfissirx li b'daqshekk l-appellata ghandha taghmel tajjeb ghall-hlas ii tippretendi l-appellanti. Mhemmx provi li jispjegaw c-cirkostanzi li wasslu ghal dak il-pagament.

9. Ghal dak li jirrigwarda l-meter tal-ilma fl-istess fond, irrizulta li l-kont jirreferi wkoll ghalih (ara deposizzjoni ta' Reuben Bonnici). Fis-sentenza l-ewwel qorti m'ghamlitx riferenza ghall-meter tal-ilma.Mhemmx prova li l-appellata qatt talbet sabiex il-meter jitnehha minn postu. Ghaldaqstant, in kwantu l-pretensjoni tikkoncerna l-meter tal-ilma l-hlas hu dovut. Lanqas mhemmx prova li l-qtugh tas-servizz kien jinkludi wkoll l-meter tal-ilma.

10. Mir-rikors promotur tas-16 ta' Dicembru, 2015 jirrizulta li l-ilment tal-appellata kien biss dwar l-elettriku (ara paragrafu 3 tar-rikors).

11. Mhuwiex maghruf kemm hu dovut fir-rigward tal-meter tal-ilma, gialadarba l-appellata ma pprezentatx breakdown ta' kemm hu dovut ghall-meter tad-dawl u kemm ghall-meter tal-ilma. Pero' li hu zgur hu li l-ewwel qorti zbaljat meta laqat it-talba tal-appellata fl-intjier taghha.

**Ghal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq, tilqa' parzjalment l-appell u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Jannar, 2018 fis-sens li tiddikjara li l-appellata hi debitrici tal-**

**appellanti biss fir-rigward tal-kiri tal-meter tal-ilma. Ghaldaqstant, tichad it-talba tal-appellanti kif maghmula fir-rikors promotur tas-16 ta' Dicembru, 2015 ghal dak li jirrigwarda l-kiri tal-meter tal-ilma fil-fond 87, Triq Guze' Howard, Sliema. Ghall-kumplament fil-meritu tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel qorti.**

**Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.